MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR. JOSEPH S. REFALO

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2003

Talba Numru. 2584/2002

**Standard Publications Limited**

**vs**

**Alan Ciantar**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-30 ta' Ottubru, 2002, fejn intalab il-hlas ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115.00) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-konvenut lil Standard Publications Limited in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta` attrici u dana fl-2001 u fl-2002, u dana fuq ordni tal-konvenut stess;**
**Bl-ispejjez, inkluzi ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru, 2002, u bl-imghaxijiet legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Lisa Lombarda li kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Kap.380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u hmistax-il lira Maltija (Lm115.00) bl-imghaxijiet legali mis-6 ta' Settembru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru, 2002, ghadhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------